MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 86/2009

**Paul Xuereb**

**Vs**

**Frangisk Cassar**

Permezz ta' kawza prezentata fil-25 ta' Novembru 2009 l-attur qieghed jitlob li l-qorti tiddikjara lil l-konvenut ikkommetta spoll meta dahal fir-raba' maghrufa Ta' Fuq il-Klin jew ahjar ta' Wied Biljun limiti tal-Qala, Ghawdex b'kejl ta' circa 638 metri kwadri, u kontra l-volonta tal-attuur harat l-ghalqa u nehha s-sigar. Qieghed jitlob ukoll li l-qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jerga' jirreintegrah fil-pussess fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-qorti u fin-nuqqas l-attur jaghmel ix-xogholijiet mehtiega ghas-spejjez tal-konvenut u jekk ma tistax issir ir-reintegrazzjoni jigi kundannat ihallas id-danni. Dan wara

li ppremetta li l-ispoll sehh fil-5 ta' Ottubru 2009 u fil-granet ta' qabel.

Il-konvenut wiegeb permezz ta' risposta guramentata prezentata fl-4 ta' Dicembru 2009 (fol. 12) fejn spjega li jonqos l-element tal-azzjoni tal-pussess in kwantu r-raba' hi mqabbla lill-konvenut bi qbiela ta' €5.82. Inoltre spjega li r-raba' kienet qeghda tehodlu hsiebha ohtu f'perjodu li kien imsiefer barra minn Malta, u meta rritorna lura Malta (madwar 15 il-sena ilu), dejjem hadem din ir-raba'.

Permezz ta' nota prezentata llum mill-attur, irrinunzja ghat-talbiet fil-meritu u zamm ferm il-kap tal-ispejjez. Dan wara li fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010 il-konvenut iddikjara li: ***"….. qieghed jobbliga ruhu li ma jidholx fir-raba li hi mertu ta' din il-kawza sakemm ikun hemm sentenza favur tieghu li permezz taghha l-konvenut jigi ordnat jizgombra minn go fiha."*** (fol. 53).Jirrizulta wkoll li l-attur rega' ha l-pussess tal-ghalqa u l-konvenut ma regax dahal fiha.

Mill-provi li tressqu hu evidenti li l-konvenut wettaq l-ispoll li minnu qieghed jilmenta l-attur meta dahal fir-raba' li qieghed jahdem l-attur u harat l-art u qala' wkoll xi sigar tal-lewz. Rilevanti hi l-kawza prezentata fl-10 ta' Ottubru 2009 li Frangisk Cassaripprezenta kontra Pawlu Xuereb (Rikors 25/2009AE) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri fejn qieghed jitlob li Paul Xuereb jigi zgumbrat mir-raba' ***"….peress li qieghed tokkuppaha minghajr titolu validu fil-Ligi…."***. Din fiha nnifisha hi ammissjoni li Frangisk Cassar jaf li l-attur ghandu l-pussess tar-raba'. Hemm ukoll il-verzjoni tal-avukat Anton Refalo u Anthony Sammut li kkoraboraw il-verzjoni tal-attur. Inoltre l-konvenut stess meta xehed fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010 ikkonferma li qabad u dahal fir-raba' li jahdem l-attur. Ghalkemm jippretendi li l-attur m'ghandux titolu fuq l-art, ma kellux id-dritt li jiehu l-ligi b'idejh.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tastjeni milli taghti decizjoni dwar it-talbiet tal-attur fil-meritu in vista tan-nota ta' rinunzja prezentata mill-attur.**
**2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollhar relatati ma' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------